

32003R1874

L 275/12

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

25.10.2003

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1874/2003**tal-24 ta' Ottubru 2003****li japprova l-programmi tal-kontroll nazzjonali ta' ċerti Stati Membri dwar il-coenurus cerebralis, u jiddefinixxi garanziji addizzjonali, u jagħti derogi li jikkonċernaw il-programmi tat-tnissil ta' reżistenza għat-TSE fin-nagħaġ permezz tad-Deċiżjoni Nru 2003/100/KE****(Test b'rilevanza ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi r-regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerti enċifalopatija sponġiformi trasmissibbli ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1234/2003 ⁽²⁾, u partikolarment il-punt (b)(ii) tas-sezzjoni 1 tal-Kapitolu A ta' l-Anness VIII tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprovdi għall-approvazzjoni tal-programmi nazzjonali tal-kontroll tal-coenurus cerebralis tal-Istati Membri jekk dawn ikunu konformi ma ċerta kriterja stabbilita f'dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprovdi wkoll għad-definizzjoni ta' xi garanziji addizzjonali li jistgħu jkunu meħtieġa għall-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni, b'konformità ma dak ir-Regolament.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/100/KE tat-13 ta' Frar 2003 tistabbilixxi l-ħtiġiet minimi għall-istabbiliment ta' programmi tat-tnissil għar-reżistenza kontra l-enċifalopatija sponġiformi trasmissibbli fin-nagħaġ ⁽³⁾, tipprovdi li kull Stat Membru għandu jintroduċi programm tat-tnissil ta' l-għażla għar-reżistenza tat-TSE f'ċerti razez ta' nagħaġ. Dik id-Deċiżjoni tipprovdi wkoll għall-possibbiltà ta' deroga mill-ħtiġiet għall-Istat Membru li jstabbilixxi programm tat-tnissil fuq il-bażi tal-programm nazzjonali tiegħu għall-kontroll tal-coenurus cerebralis ippreżentat u approvat b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 999/2001, li fiha hemm provvediment dwar il-monitoraġġ attiv kontinwu ta' l-annimali ovinu u kaprini mejta fir-razzett fil-merħliet kollha f'dak l-Istat Membru.
- (3) Fl-interessi tas-saħħa ta' l-annimali, il-programmi nazzjonali għall-kontroll tal-coenurus cerebralis għandhom ikunu approvati biss meta Stat Membru pjuttost li jollu prevalenza baxxa, jew in-nuqqas tal-coenurus cerebralis fit-territorju tiegħu. Fis-7 ta' Marzu 2003 u fil-5 ta' Settembru 2003 rispettivament, l-Isvezja u d-Danimarka ippreżentaw programmi nazzjonali tal-kontroll tal-coenurus cerebralis li huma meqjusa bħala li jilhq u kriterja stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 u iż-żewġ Stati Membri pjuttost li jkollhom prevalenza

baxxa, new in-nuqqas tal-coenurus cerebralis fit-territorju tagħhom. Għalhekk, il-programm ta' kontroll tal-coenurus cerebralis ta' dawk l-Istati Membri għandu jkun approvat.

- (4) Fuq il-bażi tal-programmi nazzjonali tagħhom tal-kontroll tal-coenurus cerebralis, l-Isvezja u d-Danimarka għandhom ikunu mogħtija deroga mill-programmi tat-tnissil li hemm provvediment dwarhom fid-Deċiżjoni 2003/100/KE, u l-garanziji addizzjonali tal-kummerċ meħtieġa bl-Anness VIII, il-Kapitolu A, u l-Anness IX, il-Kapitolu E, tar-Regolament (KE) Nru 999/200 għandhom ikunu stabbiliti.
- (5) Il-programmi tal-kontroll tal-coenurus cerebralis, flimkien mal-garanziji addizzjonali, jistgħu jkunu approvati u definiti fil-ġejjini għall-Istati Membri l-oħrajn, kif ukoll id-derogi mill-ħtiġiet li jkunu stabbiliti programmi tat-tnissil. Għalhekk, huwa xieraq li jkun hemm provvediment għal dawk il-miżuri f'Regolament.
- (6) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma b'konformità ma l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Approvazzjoni tal-programmi tal-kontroll tal-coenurus cerebralis**

Il-programmi nazzjonali tal-kontroll tal-coenurus cerebralis tal-Istati Membri elenkati fl-Anness huma hawnhekk approvati.

*Artikolu 2***Garanziji addizzjonali li jirrigwardjaw l-oqsma**

1. L-annimali ovinu u kaprini ddestinati għall-Istati Membri elenkati fl-Anness u li huma ġejjin minn Stati Membri oħrajn imma li ma humiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi, riedu li kienu nżammu kontinwament sa mit-twelid fl-oqsma li jkunu jissodisfaw dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin għal perijodu ta' mill-anqas seba' snin qabel id-data ta' meta dawk l-annimali jkunu mibgħuta:

- (a) l-ebda każi ta' coenurus cerebralis ma kienu kkonfermati;

⁽¹⁾ ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 173, tal-11.7.2003, p. 6.

⁽³⁾ ĠU L 41, ta' l-14.2.2003, p. 41.

(b) l-ebda miżuri ta' l-eradikazzjoni ma kienu applikati minħabba il-coenurus cerebralis;

(ċ) l-oqsma ma jkunx fihom annimali identifikati bħala annimali friskju kif referuti fl-Artikolu 13(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

2. Semen, embrijuni u ova minn annimali ovini u kaprini, ddestinati lejn l-Istati Membri elenkati fl-Anness u li ġejjin mill-Istati Membri l-oħrajn li ma humiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi iridu li kienu ġew akkwistati minn donaturi li jkunu nżammu kontinwament sa mit-twelid f'oqsma li jkunu jwettqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1.

Artikolu 3

Restrizzjonijiet uffiċjali taċ-ċaqlieq

1. L-Istati Membri elenkati fl-Anness għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet uffiċjali taċ-ċaqlieq li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafu 2 fuq l-oqsma li jirċievu l-annimali ovini u kaprini jew is-semen, l-embrijuni u l-ova minn annimali ovini u kaprini, għal perijodu ta' seba' snin mid-data ta' l-aħħar wassla ta' dawk l-annimali, semen, embrijuni u ova, meta:

(a) l-annimali, is-semen, l-embrijuni u l-ova jkunu ġew akkwistati minn għand l-Istati Membri li ma humiex elenkati fl-Anness jew minn pajjiżi terzi; u

(b) il-coenurus cerebralis tkun ġiet ikkonfermata matul it-tlett snin preċedenti għal, jew wara d-data ta' meta jkunu mibgħuta l-annimali, s-semen, l-embrijuni u l-ova fl-Istati Membri jew f'pajjiżi terzi tal-forniment kif referuti fil-punt (a).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ottubru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

—
L-ANNESS

L-Istati Membri li l-programm nazzjonali tagħhom għall-kontroll tal-coenurus cerebralis kien ġie approvat:

l-Isvezja

id-Danimarka.

—

2. L-oqsma li jkunu rċeview annimali, semen, embrijuni jew ova li jilħqu l-kondizzjonijiet referuti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu mqiegħda taħt restrizzjoni uffiċjali, sabiex l-annimali ovini u kaprini, is-semen, l-embrijuni u l-ova ma jidħlux jew ma johroġux mil-qasam apparti milli fil-każ ta' l-annimali li jkun sejrin direttament għall-qatla.

3. Ir-restrizzjonijiet taċ-ċaqlieq kif spjegati fil-paragrafu 2 m'għandhomx ikunu applikati fil-każ tal-wasla ta' annimali ovini tal-ġenotip ARR/ARR prion protein, jew ta' semen, embrijuni u ova minn donatur tal-ġenotip ARR/ARR prion protein.

Artikolu 4

Derogi mill-ħtiġiet sabiex ikun stabbilit programm tat-tnissil

Permezz ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni Nru 2003/100/KE, L-Istati Membri elenkati fl-Anness huma b'hekk mogħtija deroga mill-ħtiġiet li jstabbilixxu programm tat-tnissil kif hemm provvediment dwaru fl-Artikolu 2(1) ta' dik id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.